**A.L. 342 ta' l-2004**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

## Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Emenda tar-Raba' Skeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 51(e) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Emenda tar-Raba' Skeda), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Raba' Skeda".

Jemenda r-Raba' Skeda.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004.

**2.** It-Taqsima II tar-Raba' Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) taħt Tobba, minnufih wara l-partita "Assoċjazzjoni Oftalmologi ta' Malta" għandha tiżdied il-partita "Assoċjazzjoni ta' Speċjalisti fil-Psikjatrija ta' Malta"; u

(b) taħt Kirurgi Dentali, minnufih wara l-partita "Assoċjazzjoni ta' Dentisti wara Gradwazzjoni ta' Malta" għandha tiżdied il-partita "Kulleġġ ta' Kirurgi Dentali ta' Malta".